MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2008

Numru 186/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**
v

**HASSAN HAMMAD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **HASSAN HAMMAD** ta’ sitta w ghoxrin sena, imwieled s-Sudan fis-sena 1982 u residenti fil-Marsa Open Centre, Marsa li ghandu dokument tal-pulizija numru 050-024, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-erbatax t’Awwissu 2008, u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluza (Kap 101) bhala Dok. CSH, l-fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH 1, rapport mill-Pirs bhala Dok. CSH 2, stqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar l-erbatax t'Awwissu 2008 bhala Dok. CSH 3, dokument t'identifikazzjoni tal-istess imputat bhala Dok. CSH 4.

Semghet **l-ammissjoni tal-imputat** liema ammissjoni tinsab registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbatax t'Awwissu 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda kontravenzjoni registrata fuqha w ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz;

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat HASSAN HAMMAD hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn [2] snin mill lum.**

**Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' sentejn [2] snin.**

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga esibita f'dan il-procediment w ghalhekk tordna lil analista Godwin Sammut sabiex fil-presenza tar-Registratur tal-Qorti, jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet* Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli.**

Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------